Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10683 – APPLIED / TEMASEK / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 180/06)

1. Fil-25 ta' April 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Franklin Investments Pte. Ltd ("Franklin", Singapore) li finalment hija kkongtrollata minn Temasek Holdings (Private) Limited ("Temasek", Singapore),

— Applied Materials Inc. ("Applied", l-Istati Uniti tal-Amerka), kumpanija pubblika bi sjieda ta' ishma mifruxa ħafna u mhux ikkontrollata minn xi terza perzuna,

— kumpanija maħluqa ġdida, Valaya Pte. Ltd, (joint venture, "JV", Singapore).

— Franklin u Applied jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-joint venture.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Applied hija fornitur globali ta' tagħmir tal-manifattura, servizzi u software għall-industriji tas-semikondutturi, tal-wiri u dawk relatati,

— Franklin hija kumpanija azzjonista ta' investiment globali,

— il-JV se tkun attiva fir-riċerka u l-iżvilupp, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kisjiet speċjalizzati użati għat-trab tal-kisi u l-partijiet, prinċipalment għal applikazzjonijiet farmaċewtiċi u tal-avjazzjoni kummerċjali.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet)".
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

M.10683 – APPLIED / TEMASEK / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË